Segretarju Ġenerali

Secretary General

19 ta' Mejju 2014

**Is-Sur Anthony J. Tabone**
**Chairman**
**Awtorità tax-Xandir**
**7, Triq Mile End,**
**Il-Ħamrun**

Għażiż Sur Tabone,

Nirreferi għal-ilment mressaq quddiem l-Awtorità tax-Xandir rigward ix-xandir ta' numru ta' produzzjonijiet politiċi bit-tema 'Issa Nista" fuq l-istazzjon TVM numru ta' ġimgħat ilu. Permezz tal-imsemmi lment il-Partit Nazzjonalista sostna li x-xandir ta' dawn il-produzzjonijiet politiċi fuq l-istazzjon nazzjonali ħoloq żbilanċ kontra l-Partit Nazzjonalista u għalhekk talab li minnufih jingħata rimedju effettiv.

Kif żgur taf, l-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista nstema' mill-Awtorità tax-Xandir waqt seduta li nżammet nhar it-Tlieta 29 ta' April 2014, iġifieri tliet ġimgħat ilu.

Minkejja dan kollu, sallum l-Awtorità għadha ma ħadet l-ebda deċiżjoni dwar l-ilment tal-Partit Nazzjonalista bil-konsegwenza li kwalunkwe rimedju li jista' jingħata mhux ser ikun jista' jintuża qabel l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew li ser issir nhar is-Sibt 24 ta' Mejju 2014.

Il-Partit Nazzjonalista jħoss li dan huwa dewmien eżaġerat li ser ikun ta' preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Partit Nazzjonalista fl-eqqel ta' kampanja elettorali.

Għaldaqstant qiegħed permezz ta' din il-korrispondenza nitolbok spjegazzjoni għal dan in-nuqqas serja da parti tal-Awtorità tax-Xandir.

Inselli għalik,

**Chris Said**
**Segretarju Ġenerali**

**Partit Nazzjonalista**

Triq Herbert Ganado, Pietà PTA 1450, Malta • Tel: +356 2124 3641 • Fax: +356 2124 3640 • Email: pn@pn.org.mt
Member of the European People's Party • Member of the Christian Democrat International • Member of the International Democrat Union
www.pn.org.mt